



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

9523/22

SOC 315
EMPL 210
ANTIDISCRIM 52
EDUC 194
SAN 319
ECOFIN 509
GENDER 70
JAI 759
COMPET 407
DIGIT 106

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-impjieg ta' persuni b'diżabilità - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża n-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-Kunsill EPSCO tas-16 ta' Ġunju 2022.

Dibattitu ta' orjentazzjoni: "L-aċċess tal-persuni b'diżabilità għas-suq tax-xogħol"

Nota ta' spjegazzjoni

Huwa stmat li attwalment persuna minn kull ħamsa tal-popolazzjoni tal-UE (jiġifieri kważi 87 miljun persuna) għandha xi forma ta' diżabilità. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha tagħha huma parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD). Dan it-trattat importanti, li għall-UE daħal fis-seħħ f'Jannar 2011, wassal għal diversi strateġiji suċċessivi, inkluż l-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, mirfuda mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹.

Minkejja l-progress li sar f'dawn l-aħħar deċennji, il-persuni b'diżabilità għadhom jaffaċċjaw diversi ostakli biex ikollhom aċċess għad-drittijiet tagħhom u għall-awtonomija tagħhom. Bħala parti mill-Istrateġija Ewropea l-ġdida dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, l-UE hija impenjata li tintensifika l-azzjoni tagħha b'appoġġ għall-persuni b'diżabilità. Konferenza ministerjali dwar id-diżabilità, organizzata mill-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-9 ta' Marzu 2022 f'Pariġi, ipprovdiet opportunità għal skambju ta' fehmiet dwar it-titjib tal-aċċessibbiltà u l-aċċess għad-drittijiet, u dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea 2021-2030.

¹ Prinċipju 17: il-persuni b'diżabilità għandhom dritt għal appoġġ għall-introjtu li jassigura għajxien dinjituż, għal servizzi li jgħinuhom jieħdu sehem fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà u għal ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet tagħhom.

L-integrazzjoni u l-iżvilupp tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol hija prijorità tal-politika tal-UE dwar id-diżabilità. Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 *li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol* introduċiet il-kunċett ta' **arranġamenti raġonevoli** li jirrikjedi li min iħaddem jadatta l-post tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, l-Artikolu 27 tas-CRPD jistabbilixxi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, inkluż il-possibbiltà li jaqilgħu għajxien billi jwettqu xogħol liberament magħżul jew aċċettat f'suq tax-xogħol u f'ambjent tax-xogħol miftuħ, inklużiv u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Fl-2022, il-Kummissjoni ser tippreżenta pakkett ta' miżuri bil-għan li jittejbu l-prospetti fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabilità. Dan il-**Pakkett dwar l-Impjiegi** huwa inizzjattiva fanal tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 u l-qafas ta' dan il-proġett ġie ppreżentat fil-konferenza tad-9 ta' Marzu 2022. Il-pakkett għandu l-għan li jtejjeb il-prospetti tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol u jkopri sitt oqsma ta' azzjoni, inkluż permezz ta' kooperazzjoni man-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, mas-sħab soċjali u mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità.

Dawn il-miżuri ser jipprovdu gwida u ser jappoġġaw l-apprendiment reċiproku fir-rigward tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-servizzi tal-impjieg u tal-integrazzjoni, il-promozzjoni tal-perspettivi ta' reklutaġġ permezz ta' miżuri pożittivi u l-ġlieda kontra l-isterjotipi, l-iżgurar ta' arranġamenti raġonevoli, l-iżgurar tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u ta' skemi ta' riabilitazzjoni professjonali f'każ ta' mard kroniku jew ta' inċidenti, l-esplorazzjoni ta' impjiegi ta' kwalità f'impjieg protett u perkorsi għas-suq tax-xogħol miftuħ. Il-pakkett ser jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-linji gwida rilevanti dwar l-impjieg fil-qafas tas-Semestru Ewropew.

Min-naħa tagħhom, fil-livell nazzjonali, diversi Stati Membri introduċew **obbligi legali u inċentivi** biex jistimulaw l-impjieg tal-persuni b'diżabilità. Fost l-inizjattivi mmirati lejn min iħaddem hemm il-limiti massimi obbligatorji għall-impjieg ta' persuni b'diżabilità, l-iżvilupp ta' pjanijiet annwali għad-diversità b'miri li jistgħu jitkejlu u evalwazzjonijiet perjodiċi, appoġġ finanzjarju għal arranġamenti raġonevoli, il-ħelsien mit-taxxa u inċentivi finanzjarji oħra, b'mod partikolari għall-SMEs, u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist pubbliku. L-inizjattivi l-oħra jinkludu l-ħolqien ta' impjieg personalizzat, b'mod partikolari fil-qasam tal-ekonomija soċjali u l-ekonomija tas-solidarjetà, proċeduri ta' reklutaġġ u miżuri ta' akkumpanjament personalizzati għall-persuni b'diżabilità li qed ifittxu impjieg.

Minkejja progress sinifikanti, l-impjieg tal-persuni b'diżabilità fl-UE għadu ferm aktar baxx mill-potenzjal tiegħu. Fl-2021, 50.8 % biss ta' dawn il-persuni kellhom impjieg meta mqabbla ma' 75 % tal-persuni mingħajr diżabilità. 37.6 % tal-persuni b'diżabilità ma kinux attivi meta mqabbla ma' 17.6 % ta' dawk mingħajr diżabilità. 28.4 % tal-persuni b'diżabilità kienu friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali meta mqabbla ma' 17.8 % ta' dawk mingħajr diżabilità, u 29.4 % biss tal-persuni b'diżabilità kellhom kwalifika mill-iskola sekondarja meta mqabbla ma' 43.8 % ta' dawk mingħajr diżabilità².

Il-bini ta' suq tax-xogħol aktar inklużiv ser jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri Ewropej fir-rigward tal-impjieg għall-2030 (mira ta' rata ta' impjieg ta' 78 % fl-2030 stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali). Fil-kuntest ta' nuqqasijiet persistenti ta' ħaddiema u ta' żbilanċi fil-qasam tal-impjieg, iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati, bħall-persuni b'diżabilità, tibqa' lieva importanti għal tkabbir inklużiv u sostenibbli u għall-ugwaljanza.

² Sors: *Eurostat*

L-effettività tal-politiki tal-impjieg għal din il-parti tal-popolazzjoni tirrikjedi riflessjoni dwar il-kunċett tad-diżabilità inkluż fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u teħtieġ li jintlaħaq bilanċ bejn il-liġi ordinarja u miżuri speċifiċi.

Ir-rati baxxi ta' impjieg attwali jistgħu jiġu spjegati minn diversi fatturi, inkluż l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, il-prevalenza ta' preġudizzji dwar il-produttività aktar baxxa tagħhom, il-kost (reali jew perċepit) tal-arranġamenti raġonevoli, l-għarfien insuffiċjenti dwar l-arranġamenti raġonevoli possibbli, prattiki tar-riżorsi umani dgħajfa fl-intrapriżi, livell aktar baxx ta' taħriġ tal-persuni b'diżabilità meta mqabbla mal-popolazzjoni ġenerali u d-diffikultajiet fl-identifikazzjoni tal-persuni b'diżabilità li għandhom il-ħiliet meħtieġa.

It-titjib tar-rata tal-impjieg tal-persuni b'diżabilità u t-tnaqqis tad-distakk bejnhom u l-persuni mingħajr diżabilità jibqa' sfida għall-Istati Membri kollha li tirrikjedi azzjoni f'diversi livelli, inkluż l-iżvilupp tal-**aċċessibbiltà** u tal-**arranġamenti raġonevoli** biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet individwali, il-**kisba ta' ħiliet** konformi mal-ħtiġijiet tas-suq mill-persuni b'diżabilità, inkluż il-ħiliet relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, **investment** fis-servizzi ta' intervent sa mill-bidu tat-tfulija, oqfsa ta' apprendiment inklużivi u aċċessibbli u programmi ta' apprendiment tul il-ħajja, u rabta bejn iċ-ċiklu skolastiku u d-dħul fid-dinja tax-xogħol.

F'dan il-kuntest, qed jiġi propost li d-diskussjoni tiffoka fuq żewġ punti:

1 - It-tneħħija tad-diżinċentivi għar-reklutaġġ ta' persuni b'diżabilità u l-inkoraġġiment tal-akkoljenza tagħhom mill-kollegi

Hemm aktar ċans li l-obbligi legali u l-inċentivi għal min iħaddem jilhqqu l-oġettivi tagħhom jekk ikunu akkumpanjati minn viżjoni pożittiva li tagħti valur lill-kontribut tad-diversità b'mod ġenerali, u tad-diżabilità b'mod partikolari, għall-prestazzjoni.

- Kif nistgħu naħdmu u nikkoordinaw mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż dawk li jħaddmu, il-persunal, is-sħab soċjali u s-servizzi tal-impjieg u tal-integrazzjoni, biex inneħħu l-ideat prestabbiliti dwar l-hekk imsejjaħ "kost projbittiv" tal-arranġamenti raġonevoli, sabiex jiżdied l-għarfien dwar dawn l-arranġamenti u n-negozji jiġu megħjuna johlquhom?
- Kif nistgħu naħdmu flimkien biex nistabbilixxu miri biex innaqqsu d-differenza bejn ir-rata ta' impjieg tal-persuni b'diżabilità u dik tal-persuni mingħajr diżabilità, kif indikat fl-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030?

2 - Azzjoni permezz ta' miżuri effettivi favur l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol

Meta jkunu aċċessibbli, it-teknoloġiji l-ġodda u d-diġitalizzazzjoni jistgħu joffru opportunitajiet ġodda biex jappoġġaw lill-persuni b'diżabilità fil-kisba ta' impjieg matul ħajjithom kollha billi jipprovdu l-għodod diġitali li huma essenzjali għall-awtonomija tagħhom u wkoll billi jneħħu l-ostakli għat-taħriġ u l-impjieg tagħhom.

- Liema programmi ta' appoġġ jeżistu fil-livell nazzjonali f'dan ir-rigward?
- Kif tista' tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni minn workshops u taħriġ protett lejn suq tax-xogħol kompetittiv, b'mod partikolari permezz tat-teknoloġiji l-ġodda?
- Kif tista' l-UE tappoġġa lill-Istati Membri f'dawn l-oqsma?
